# Għeluq is-Sittin Sena minn Meta Wasal il-George Cross ġewwa r-Raħal ta' Ħal Luqa fis-Sena 1942

minn **Adrian Mizzi**



*Il*-George Cross

Proprju nhar it-Tnejn 15 ta' April 2002 kien jaħbat l-anniversarju ta' għeluq is-sittin sena minn meta r-Re Ġorġ VI ta '1 Malta l-akbar ġieħ li setgħet tagħti l-Ingilterra għall-qlubija kontra l-għadu – il-*George Cross*. Id-dekorazzjoni ntweriet f'ħafna bliet u rħula, iżda waslet Ħal Luqa nhar is-Sibt 26 ta' Settembru 1942 u bħal ħafna lokalitajiet oħra saret ċerimonja għall-okkażjoni.

Dakinhar, il-Kummissarju tal-Pulizija, Kissaun, wassal id-dekorazzjoni għand il-Kappillan Debono fejn sab jistennewh il-mistednin ewlenin. Mid-dar tal-kappillan il-*George Cross* ittieħed għal fuq iz-zuntier tal-knisja, fejn kellha ssir iċ-ċerimonja. Mal-faċċata tal-knisja parrokkjali ddendlet il-bandiera Maltija. Is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni u l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija ħarġu l-istandardi tagħhom. Is-suldati ta' *Royal Malta Artillery* u ta' *Royal Air Force*, flimkien mal-voluntieri tal-*Home Guards* ta' Ħal Luqa ħadu posthom fil-misraħ.

Meta kulħadd ħa postu l-Kappillan Debono għamel diskors li qanqal il-qlub ta' kull min kien preżenti. Wara ndaqq l-Innu Malti u l-*God Save the King* mill-banda tal-Lancashire Fusiliers.

"In-nies ta' Ħal Luqa, li ġarrbu forsi aktar minn nies ta' kull taqsima oħra ta' Malta, marru jagħtu daqqa ta' għajn lill-*George Cross* li għalih ħadmu tassew kbir," qalet il-gazzetta *Il-Berqa* fir-rapport taċ-ċerimonja.



*Lord Gort jagħti l*-George Cross *lill-Prim Imħallef George Borg.*